MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2003

Numru 249/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**

**vs**

**Giovanni Conte u Charmaine Vella**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputati Giovanni Conte ta’ 37 sena, bin l’Eugenio u Maria nee Saliba, mwieled Napli fit-28 ta’ Frar, 1966, residenti fil-fond ‘Villa Bloqq’ Triq Mejjiesa, Manikata Mellieha u detentur tal-Karta ta’ l-Identita bin-numru 8945 A u Charmaine Vella ta’ 31 sena, bint Charles u Lorraine Margaret nee Lymbery mwielda l-Awstralja fit-18 ta’ Novembru, 1971 residenti fil-fond ‘Villa Bloqq’ Triq Mejjiesa, Manikata, Mellieha u detentur tal-Karta ta’ l-Identita bin-numru 525290 M.

Akkuzati:

1. talli fil-31 ta’ Jannar, 2003, matul il-gurnata, u fil-jiem ta’ wara din id-data, f’Malta, f’cirkostanzi differenti, xjentement ilqajtu ghandkom jew xtrajtu hwejjeg misruqa, u cioe’ payphone u flus kontanti, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun, indhaltu biex tbieghuhom jew tmexxuhom, liema oggetti misruqa gew minn reati ta’ serq ikkwalifikat bil-mezz u l-valur;

2 talli f’dawn il-gzejjer nhar il-31 ta’ Jannar, 2003 kellkom fil-pussess taghkom id-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kontux fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-tabib principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-raba’ u s-sitt taqsima tal-Ordinanza u meta ma kontux bil-licenzja jew b’xort’ohra awtorizzati li timmanifatturawha, jew tfornu d-droga msemmija u meta ma kontux b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollkom id-droga msemmija fil-pussess taghkom u nqastu li tippruvaw li d-droga msemmija giet fornuta lilkom ghall-uzu taghkom skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli 1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 929/1939) kif sussegwentament emendati, u bi ksur ta’ l-ordinanza dwar il-medici perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. talli rrendejtu ruhkom recidivi ai termini tal-Artikolu 49 u 50, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta gejtu misjuba hatja b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

U nakkuza wkoll lil Charmaine Vella wahidha:

Talli kkommettejt reat, li ghalih hemm piena ta’ prigunerija, waqt il-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija lilek mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-18 ta’ Frar, 2002.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkonsidrat:

L-imputati huma akkuzati flimkien ta' ricettazzjoni, pussess tad-droga eroina u recidivita`. L-imputata Charmaine Vella hi akkuzata wahidha ta' ksur ta' sentenza sospiza.

L-imputati ammettew l-akkuzi liema ammissjoni hi volontarja u nkondizzjonata u ppersistew fiha anke waqt li l-Qorti tathom zmien jikkonsidraw.

Fuq din l-ammissjoni l-Qorti qeghdha issibhom hatja tar-reati dedotti kontra taghhom. Rat l-Artikolu 325, 49, 50 tal-Kap9 u l-Artikolu 22 (2) (b) tal-Kap 101 u tikkundannhom kif ser jinghad:

Fil-konfront tal-imputati Giovanni Conte u Charmaine Vella billi tapplika kontra taghhom l-Artikolu 7 tal-Kap 446 ghal perjodu ta' tlett snin mil-lum.

Oltre li fil-konfront tal-imputata Charmaine Vella wara li kkunsidrat u rat is-sentenza ta' din il-Qorti, diversament preseduta, tat-18 ta' Frar, 2002 billi tadotta ai termini tal-Artikolu 28B (2) (b) tal-Kap 9 u tbiddel l-ordni originali tas-sentenza sospiza billi minflok il-perjodu operattiv hemm specifikat testendih ghal perjodu ta' erba' snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------